C/2026/5290

13.10.2026

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard għal Speċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2026/5290)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Nuits-Saint-Georges"

PDO-FR-A0579-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 24.7.2026

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Żona ġeografika**

Fil-Kapitolu I(IV)(1) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:

— żdied dan li ġej: il-fraži "abbaži tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024", peress li l-konfini amministrattivi taż-żewġ muniċipalitajiet ġew ivverifikati mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024.

Il-punt 6 tad-dokument uniku ġie emendat.

— ġie speċifikat li d-dokumenti li jimmappjaw iż-żona ġeografika jistgħu jiġu aċċessati fuq is-sit web tal-Istitut Nazzjonali għall-Oriġini u l-Kwalità.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

2. **Żona tal-irqajja' tal-art definita**

Peress li ż-żona tal-irqajja' art definita għat-tkabbir tal-għeneb għad-denominazzjoni ġiet riveduta mill-kumitat nazzjonali kompetenti f'laqgħa fil-25 ta' Ġunju 2024, id-data preċedenti tal-approvazzjoni li tidher fil-Kapitolu I(IV)(2)(a) ġiet issostitwita b'dik id-data.

Peress li ż-żona tal-irqajja' art speċjali – fi ħdan iż-żona tal-irqajja' art tad-denominazzjoni – definita għat-tkabbir tal-għeneb eliġibbli biex juża it-terminu "premier cru" ġiet riveduta mill-kumitat nazzjonali kompetenti f'laqgħa fil-25 ta' Ġunju 2024, id-data preċedenti tal-approvazzjoni li tidher fil-Kapitolu I(IV)(2)(b) ġiet issostitwita b'dik id-data.

Dawn l-emendi ma jaffettwawx id-dokument uniku.

3. **Żona fil-prossimità immedjata**

Fil-Kapitolu I(IV)(3), il-lista tal-muniċipalitajiet ġiet allinjata mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024, peress li xi muniċipalitajiet biddlu isimhom jew ingħaqdu sa minn meta ġiet approvata l-aħħar l-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Il-konfini inizjali taż-żona fil-prossimità immedjata baqgħu l-istess.

Il-punt 9 tad-dokument uniku ġie emendat.

4. **Bidla fil-korp ta' spezzjoni**

Fid-dawl tar-regoli riveduti tal-abbozzar, il-Kapitolu III(II) tal-ispeċifikazzjoni ġie emendat biex jindika l-awtorità ta' kontroll kompetenti.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet**

"Nuits-Saint-Georges"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP - Denominazzjoni ta' oriġini protetta

3. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

• 22 – XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

1. *Inbid abjad*

DESKRIZZJONI QASIRA

Dawn huma nbejjed xotti bla gass.

L-inbejjed bojod għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 11 %.

L-inbejjed bojod eliġibbli biex jużaw it-terminu "premier cru" għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 11,5 %.

Wara l-arrikkiment, il-qawwa alkoħolika totali tal-inbejjed skont il-volum ma taqbiżx it-13,5 %.

Il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum tal-inbejjed eliġibbli biex jużaw it-terminu "premier cru" ma taqbiżx l-14 % wara l-arrikkiment.

L-inbejjed finali, lesti biex jiġu rilaxxati għall-konsum, għandhom kontenut massimu ta' zokkor fermentabbli (glukożju + fruttożju) ta':

1. 3 grammi għal kull litru;
2. jew 4 grammi għal kull litru, jekk l-aċidità totali tkun ta' 55,10 milliekwivalenti għal kull litru jew aktar, jiġifieri 4,13 grammi għal kull litru, espressi f'aċidu tartariku (jew 2,7 grammi għal kull litru, espressi f'H_2SO_4).

Il-kriterji analitiċi l-oħra huma konformi mar-regoli tal-UE.

L-inbejjed bojod huma bilanċjati u ġeneruż, u huma kkaratterizzati minn elegenza kbira.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: —

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

2. *Inbid aħmar*

DESKRIZZJONI QASIRA

Dawn huma nbejjed xotti bla gass.

L-inbejjed ħomor għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 10,5 %.

L-inbejjed ħomor eliġibbli biex jużaw it-terminu “premier cru” għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta’ 11 %.

Wara l-arrikkiment, il-qawwa alkoħolika totali tal-inbejjed skont il-volum ma taqbiżx it-13,5 %.

Il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum tal-inbejjed eliġibbli biex jużaw it-terminu “premier cru” ma taqbiżx l-14 % wara l-arrikkiment.

Fl-istadju tal-imballaġġ, l-inbejjed ħomor ikollhom kontenut massimu ta’ aċidu maliku ta’ 0,4 gramma għal kull litru.

L-inbejjed finali, lesti biex jiġu rilaxxati għall-konsum, għandhom kontenut massimu ta’ zokkor fermentabbli (glukożju + fruttożju) ta’ 2 grammi għal kull litru.

Il-kriterji analitiċi l-oħra huma konformi mar-regoli tal-UE.

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati minn lewn vjola brillanti ħafna. Meta ma jkunux imqaddmin, ġeneralment jesprimu noti ta’ ċirasa, ta’ frawli u ta’ ribes iswed. Hekk kif jimmaturaw, jiksbu bilanċ sensorjali u raffinat, bħall-produtturi li jagħmluhom. Il-ġilda, it-tartuf, il-fer u l-kaċċa spiss jissupplimentaw l-aromi tagħhom.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

— Qawwa alkoħolika totali massima (f’% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika effettiva minima (f’% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: —

— Aċidità volatili massima (f’milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta’ diossidu tal-kubrit (f’milligrammi għal kull litru): —

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

1. Prattika enoloġika speċifika

— It-tekniki sottrattivi tal-arrikkiment huma permessi sa rata ta’ konċentrazzjoni ta’ 10 % għall-inbejjed ħomor;

— L-użu tal-laqx tal-injam huwa pprojbit;

— Wara l-arrikkiment, il-qawwa alkoħolika totali tal-inbejjed skont il-volum ma taqbiżx it-13,5 %;

— Il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum tal-inbejjed eliġibbli biex jużaw it-terminu “premier cru” ma taqbiżx l-14 % wara l-arrikkiment.

Minbarra d-dispożizzjonijiet ta’ hawn fuq, il-prattiki enoloġiċi kollha segwiti jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-livell tal-UE.

2. Prattika tal-kultivazzjoni

a) Densità tat-tħawwil

— Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta’ 9 000 pjanta għal kull ettaru, b’distanza massima ta’ 1,25 metru bejn il-flanni u b’distanza minima ta’ 0,50 metru bejn il-pjanti fl-istess flann;

— Ma huwiex meħtieġ li d-dwieli jitħawlu fi flanni sakemm id-densità minima tat-tħawwil tiġi rrispettata u bejn il-pjanti jkun hemm spazju ta’ iktar minn 0,50 metru.

b) Regoli dwar iż-żbir

L-inbejjed joriġinaw minn dwieli miżbura f'konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Dispożizzjonijiet ġenerali

Inbejjed bojod

Id-dwieli:

— jew jinżabru f'żabra qasira (dwieli mħarrġa fi żbir bis-sistema tal-cordon Royat u tal-cordon bilaterali), b'għaxar għejun għal kull dielja jew inqas;

— jew jinżabru f'żabra twila bil-metodu Guyot sempliċi, bi tmien għejun jew inqas għal kull pjanta.

Inbejjed ħomor

Id-dwieli jinżabru b'sa massimu ta' tmien għejun għal kull pjanta:

— jew biż-żbir b'rimjiet qosra (dwieli mħarrġin bl-użu tas-sistemi tal-cordon Royat, il-cordon bilaterali, f'forma ta' sġajriet u f'forma ta' mrewħa);

— jew biż-żbir b'rimjiet twal għall-metodu Guyot sempliċi.

Dispożizzjonijiet speċifiċi

Il-perjodu biex jiġi stabbilit il-cordon huwa limitat għal sentejn. Matul dan il-perjodu, huwa permess li jintuża ż-żbir Guyot doppju għal massimu ta' ħames għejun fuq kull żarġun.

Iż-żabra Guyot sempliċi tista' tiġi adattata:

— permezz tat-tieni rimja li tippermetti li l-pożizzjoni taż-żarġun tinbidel minn sena għall-oħra;

— b'żarġun mirqum sa massimu ta' tliet għejun u rimja limitata għal żewġ għejun.

Irrispettivament mit-tip ta' żbir, id-dwieli jistgħu jinżabru b'għejun addizzjonali dment li, fl-istadju fenoloġiku li jikkorrispondi għal 11 jew 12-il werqa, in-numru ta' rimjiet li jagħtu l-frott għal kull pjanta fis-sena ma jkunx akbar min-numru ta' għejun stabbilit mir-regoli dwar iż-żbir.

5.2. *Rendimenti massimi*

1. Rendiment massimu għall-inbejjed bojod
   64 ettolitru għal kull ettaru
2. Rendiment massimu għall-inbejjed ħomor
   58 ettolitru għal kull ettaru
3. Rendiment massimu għall-inbejjed bojod "premier cru"
   62 ettolitru għal kull ettaru
4. Rendiment massimu għall-inbejjed ħomor "premier cru"
   56 ettolitru għal kull ettaru

6. **Żona ġeografika definita**

L-għeneb jinħasad u l-inbejjed jiġu prodotti, żviluppati u mqaddmin fil-muniċipalitajiet li ġejjin tad-dipartiment tal-Côte-d'Or, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024: Nuits-Saint-Georges u Premeaux-Prissey.

7. **Varjetà jew varjetajiet ta' għeneb tal-inbid**

Chardonnay B

Pinot Blanc B

Pinot Gris G

Pinot Noir N

8. **Deskrizzjoni tar-rabta jew tar-rabtiet**

a) *Deskrizzjoni tal-fatturi naturali rilevanti tar-rabta*

Iż-żona ġeografika tinsab fiż-żona tal-vitikultura tal-Côte de Nuits u hija żona elevata bi ġnub dritti mifruxa fuq madwar 25 kilometru f'direzzjoni bejn wieħed u ieħor lejn it-Tramuntana/in-Nofsinhar. Din l-elevazzjoni ta' oriġini tettonika tissepara l-plateaux tal-ġebla tal-ġir tal-"Hautes Côtes" fil-Punent, f'altitudni ta' bejn 400 metru u 500 metru, mill-pjanura ta' Bresse fil-Lvant, wied tettoniku Terzjarju f'altitudni ta' madwar 250 metru, f'angoli retti mal-"Côte" (xaqliba). Iż-żona tifrex fuq it-territorju tal-muniċipalitajiet ta' Nuits-Saint-Georges u ta' Premeaux-Prissey, li jinsabu bejn il-belt ta' Dijon, fit-Tramuntana, u dik ta' Beaune fid-dipartiment tal-Côte-d'Or, fil-Bourgogne. Fi Nuits-Saint-Georges, il-quċċata tal-"Côte", f'għoli ta' madwar 150 metru, hija magħmula minn saffi ta' ġebel tal-ġir taż-żminijiet Bajoċjani u Batonjani (il-Ġurassiku Medjan), li l-bażi tagħhom hija fformata minn ġebel tal-ġir Comblanchien li huwa speċjalment kompatt. Saff ta' marl Bajoċjan (ġebla tal-ġir taflija) huwa infilzat fis-saffi tal-ġebel tal-ġir fil-parti l-baxxa tax-xaqliba, li fil-pajsaġġ jidher bħala livell irqiq. F'dan il-pajsaġġ hemm wied magħluq, li jiskula ż-żona interna, u li minnu xi drabi tgħaddi n-nixxiegħa msejħa l-Meuzin. Fit-tarf ta' dan il-wied hemm imrewħa alluvjali kbira li parti minnha hija okkupata mill-muniċipalità ta' Nuits-Saint-Georges. Is-substrat kalkarju tal-ġnub tal-wied spiss ikun miksi minn saffi ta' torba ffurmati minn taħlita ta' tafal u lom li rriżultat mill-alterazzjoni tas-sottoswol u ta' partijiet miż-żona elevata. In-natura ta' dawn is-saffi tiddependi mill-pożizzjoni tagħhom fuq ix-xaqliba. Fin-naħa ta' fuq tax-xaqliba, fihom ħafna ġebel u huma sparsi ħafna. Fl-għoljiet baxxi fil-qiegħ, is-saffi fihom iktar partikoli fini u huma eħxen, u jvarjaw minn ftit għexieren ta' ċentimetri sa metru. Fin-naħa ta' fuq tax-xaqliba tidher formazzjoni karatteristika: saff ta' żrar krijoklastiku fuq il-ġebla tal-ġir iebsa. Dan iż-żrar, li ġie fformat matul l-era glaċjali tal-Kwaternarju, għandu kwalitajiet eċċellenti ta' skular u ftit li xejn huwa fertili. L-imrewħa alluvjali tal-Meuzin hija magħmula minn formazzjonijiet ta' ġebla tal-ġir ramlija alluvjali bi skular tajjeb. L-irqajja' art definiti għall-ħsad tal-għeneb jinsabu fuq il-quċċata tal-"Côte", fuq kull naħa tal-wied tal-Meuzin, fejn il-ħamrija tal-wiċċ hija żviluppata biżżejjed biex l-għeruq ikunu jistgħu jippenetraw u jkun hemm skular xieraq, kif ukoll fuq in-naħa ta' fuq tal-imrewħa alluvjali. Il-ħamrija ma tantx hija żviluppata u ġeneralment hija karbonata, baxxa u skulata sew, b'mod partikolari fis-substrat tal-ġebel tal-ġir. Il-ħamrija hija rranġata f'toposekwenzi, li jvarjaw minn ħamrija ta' kwalità fqira u kalkarja ħafna fuq nett, sa ħamrija arrikkita bit-tafal aktar 'l isfel, sa ħamrija relattivament fonda (0,50 m) b'lissija fuq il-wiċċ, fl-għoljiet baxxi fil-qiegħ u l-imrewħa alluvjali. Il-klima hija marittima u friska, interrotta minn influwenzi kontinentali u min-Nofsinhar li jgħaddu mill-kurituri tar-Rhône-Saône. Il-karattru marittimu tar-reġjun huwa evidenti mix-xita moderata regolari, b'madwar 750 millimetru fis-sena, mingħajr nixfiet sinifikanti fis-sajf. It-temperaturi huma pjuttost friski b'medja annwali ta' 10,5 gradi ċentigradi. Il-"Côte" tinsab fil-Lvant tal-massif ta' Morvan u l-plateaux ta' Bourgogne. Il-pożizzjoni mkennija tagħha tagħtiha vantaġġ termali, kif ukoll ammont pjuttost baxx ta' xita għar-reġjun.

b) *Deskrizzjoni tal-fatturi umani rilevanti għar-rabta*

Il-muniċipalità ta' Nuits-Saint-Georges hija ċentru storiku tal-vitikultura. Bħall-ġara tagħha Beaune, tinsab fil-qalba tal-vinji tal-"Côte". Jidher li kienet attiva ħafna fil-vitikultura sa mill-Medju Evu Bikri. Uħud mill-"crus" ilhom magħrufa għal sekli sħaħ. Skont dak li jgħidu Danguy u Aubertin fix-xogħol tagħhom tal-1892, il-vinji ta' Saint-Georges ilhom jeżistu mis-sena 1000. L-inbejjed bl-isem ta' Beaune, effettivament prodotti fil-"Côte" kollu, ilhom jinbiegħu fl-Ewropa sa mis-seklu 15. Kienu "l-immaġni tal-marka" tad-Dukat ta' Bourgogne fl-aqwa tiegħu. Dawn l-inbejjed ħomor qawwija b'livell baxx ta' tannini, magħrufin bħala "pinots vermeils" [pinots tal-vermilju] kienu l-uniċi nbejjed adattati biex jiġu ttrasportati. Fis-seklu 18 tfaċċaw il-produtturi merkantili fir-reġjun, li taw identità ġdida lill-inbejjed ta' Bourgogne u stabbilew id-distribuzzjoni mifruxa tagħhom madwar l-Ewropa. F'dan il-perjodu, fil-muniċipalità ta' Nuits, żviluppaw id-djar merkantili li sawru l-istorja tal-vitikultura tar-reġjun. Nuits imbagħad stabbiliet ruħha bħala t-tieni ċentru ta' kummerċ tal-inbid fil-Bourgogne fuq l-għoljiet ta' Beaune. Il-"Côte" kienet tforni "nbejjed fini" lid-djar merkantili, li kellhom sehem kbir mis-suq. Fl-1892, bħala sinjal ta' immaġni ta' eċċellenza stabbilita sew, il-muniċipalità ta' Nuits żiedet l-isem tal-aktar "cru" prestiġjuż tagħha ma' isimha, u b'hekk saret Nuits-Saint-Georges. Fl-1934, il-konfini ġeografiċi tad-denominazzjoni ta' oriġini Nuits-Saint-Georges ġew stabbiliti permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti Ċivili ta' Beaune. Abbażi ta' dik id-deċiżjoni, dik li dak iż-żmien kienet id-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Nuits-Saint-Georges ġiet irrikonoxxuta b'digriet tal-11 ta' Settembru 1936. Mis-seklu 18 'il quddiem, saru ħafna studji dwar il-vinji u l-fatturi li jikkontribwixxu għall-kwalità tagħhom, u ħafna awturi fasslu klassifikazzjonijiet għall-"crus" ta' Bourgogne. Dan ix-xogħol laħaq il-qofol tiegħu fl-1860 bil-klassifikazzjoni prodotta mill-Kumitat tal-Vitikultura tal-Kontea ta' Beaune. Għall kull muniċipalità eżaminata, kull "climat" [vinja] (normalment l-isem ta' "lieu-dit" [roqgħa art]) imħawla b'"varjetà eleganti" ġiet ikklassifikata fuq skala ta' kwalità. Fl-1943, ġiet rikonoxxuta lista ta' "climats" eliġibbli biex jużaw it-terminu "premier cru" għan-Nuits-Saint-Georges. Dawn kienu l-"crus" l-aktar apprezzati identifikati fil-biċċa l-kbira tagħhom fl-1860. Il-varjetà ta' għeneb ewlenija mkabbra fil-vinji hija l-Pinot Noir N. Madankollu, il-varjetà Chardonnay B hija wkoll preżenti iżda tirrappreżenta biss 2 % tal-għeneb imkabbar, bid-dwieli tagħha jinsabu miġbura l-aktar fiż-żona ta' Premeaux-Prissey. Id-dwieli jitħarrġu f'konformità mal-prattiki kurrenti fir-reġjun tal-Côte kollu, prinċipalment b'densitajiet tat-tħawwil ta' iktar minn 9 000 pjanta għal kull ettaru. Il-produtturi huma konxji mill-vulnerabbiltà tal-ħamrija tagħhom għall-erożjoni u joqogħdu attenti ħafna biex jippreservaw l-integrità tal-ħamrija. Skont it-tradizzjoni, l-inbejjed jiġu

mmaturati fil-kantina tal-inbid, li tagħtihom kwalitajiet tajbin ta' preservazzjoni, skont il-karatteristiċi kemm tal-vendemmja kif ukoll tal-"climat". Fl-2009, il-vinji kienu jkopru żona ta' madwar 300 ettaru, li 148 minnhom kienu kklassifikati bħala "premier cru". Il-volum medju ta' produzzjoni annwali kien ta' 13 400 ettolitru. Il-produzzjoni tal-inbejjed bojod tirrappreżenta madwar 300 ettolitru biss minn 6 ettari. Madwar żewġ terzi tal-inbejjed jinbiegħu mill-produtturi.

c) *Informazzjoni dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott*

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati minn lewn vjola brillanti ħafna. Meta ma jkunux imqaddmin, ġeneralment jesprimu noti ta' ċirasa, frawli u ribes iswed. Hekk kif jimmaturaw, jiksbu bilanċ sensorjali u raffinat, bħall-produtturi li jagħmluhom. Il-ġilda, it-tartuf, il-fer u l-kaċċa spiss jissupplimentaw l-aromi tagħhom. L-inbejjed li jużaw it-terminu "premier cru" huma kkaratterizzati mil-qawwa u l-istruttura tannika massiva tagħhom. Jiżviluppaw fuq perjodu twil fil-flixkun u huma adattati ħafna għat-tqaddim fit-tul. L-inbejjed bojod huma bilanċjati u ġenerużi, u huma kkaratterizzati minn elegenza kbira.

d) *Interazzjonijiet kawżali*

Il-muniċipalità ta' Nuits-Saint Georges, li tinsab fil-qalba tal-vinji tal-Côte de Nuits, hija ddedikata totalment għan-negozju tal-inbejjed fini ta' Bourgogne. Tgħaqqad l-istatus tagħha bħala l-kapitali tal-Côte de Nuits mal-prestiġju tal-vinji tagħha. Dawn il-vinji huma mifruxa fuq xaqliba wiesgħa li tħares lejn il-Lvant u l-għoljiet baxxi fil-qiegħ tagħha. Dan il-pajsaġġ joħloq dawl abbundanti u tisħin bikri tal-ħamrija. Filgħodu l-pjanura spiss tkun miksija biċ-ċpar, iżda dan ma jasalx saż-żoni aktar fl-għoli. Is-substrat tax-xaqliba, fil-parti l-kbira ġebla tal-ġir, u s-substrat tal-għoljiet baxxi fil-qiegħ tagħha, jipprovdu skular effettiv u fertilità moderata tal-ħamrija. Dan l-arranġament joffri sit prim fejn il-varjetà tal-Pinot Noir N, li hija varjetà lokali, tista' tesprimi bis-sħiħ il-potenzjal tagħha. Din il-mesoklima sħuna u l-fertilità moderata tal-ħamrija jagħtu lill-inbejjed ħomor bilanċ u konċentrazzjoni li huma evidenti fit-tul tal-firxa kumplessa u żviluppata ta' aromi. Ix-Chardonnay B ukoll toriġina fil-Bourgogne u tikber tajjeb f'ċerti postijiet b'ħamrija li fiha l-marl. Il-maturazzjoni tippreserva biżżejjed aċidità biex tagħti lill-inbejjed bojod eleganza u ħajja twila. Il-produtturi jimmiraw li jenfasizzaw il-karatteristiċi speċifiċi tal-ambjent naturali ta' Nuits-Saint-Georges u l-prattiki tagħhom, kemm fil-vinja kif ukoll fil-kantina, huma maħsuba biex joħorġu dan il-potenzjal. It-tħawwil b'densità għolja, il-kontroll tar-rendiment u l-ħsad bir-reqqa: dawn huma ssupplimentati b'tekniki tradizzjonali tal-vinifikazzjoni u maturazzjoni fit-tul fil-kantina. It-terren, id-diversità ġeoloġika u l-varjetà ta' ħamrija li żviluppat jipproduċu wkoll firxa wiesgħa ta' sfumaturi fl-inbejjed, li minn żmien ilu ħeġġew lil ġenerazzjonijiet ta' produtturi sabiex jagħmlu distinzjoni bejn il-"climats" li jiffurmaw iż-żona tal-vitikultura. It-tikketti fuq il-fliexken li jġibu l-isem tal-"climat" li minnhom oriġina l-għeneb kienu prattika normali. Barra minn hekk, permezz tat-terminu "premier cru" setgħet tingħata prominenza lill-"climats" l-aktar famużi sa minn żminijiet il-qedem. Fl-1816, Jullien irrefera għal-"lieu-dit" ta' "Saint-Georges", fil-muniċipalità ta' Nuits-Saint-George, flimkien mal-"Clos de Premeau" bħala tal-ogħla klassi, u l-bqija tal-vinji fiż-żewġ muniċipalitajiet bħala tat-tieni klassi. Fl-1860, il-Kumitat tal-Vitikultura tad-Distrett ta' Beaune ikklassifika madwar 300 ettaru ta' vinji fiż-żewġ muniċipalitajiet bħala "vinji ta' nbid fin", li minnhom 100,53 ettaru kienu kklassifikati bħala "tal-ogħla klassi". Din il-klassifikazzjoni ggwidat ir-rikonoxximent futur tal-climats bħala "premier cru". Fl-1934, li kien perjodu ta' diffikultajiet ekonomiċi sinifikanti għal Bourgogne, uħud mill-produtturi minn Nuits ingħaqdu u flimkien ħolqu l-"Confrérie des chevaliers du tastevin" [Fraternità tal-Kavallieri tat-tazza tad-tidwiq]. Din l-assoċjazzjoni, prototip tal-fraternitajiet tal-inbid, kellha l-għan li tippromwovi u twassal l-inbejjed ta' Bourgogne madwar id-dinja. Din issa għandha l-kwartieri ġenerali tagħha barra l-belt, f'Château du Clos de Vougeot. Il-fraternità rnexxielha tikkontribwixxi biex iżżomm l-immaġni prestiġjuża tal-inbejjed ta' Bourgogne, u l-inbejjed ta' Nuits-Saint-Georges ibbenefikaw mill-isforzi tagħha. L-inbejjed ta' Nuits-Saint-Georges huma magħrufa mill-qiegħ tal-oċeani sa fuq il-qamar! Tabilħaqq, fl-1971, il-missjoni Apollo 15 poġġiet tikketta tan-Nuits-Saint-Georges, tal-cuvée "Terre-Lune" u semmiet wieħed mill-krateri tal-qamar "Crater Saint-Georges". Id-denominazzjoni ta' oriġini protetta Nuits-Saint-Georges hija wkoll il-parrina tas-sottomarin nukleari "Le Rubis". Ir-reputazzjoni tal-inbejjed ħomor ta' Nuits-Saints-Georges hija internazzjonali.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (imballaġġ, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Tikkettar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit

L-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta jista' jiġi ssupplimentat bit-terminu "premier cru" fil-każ ta' nbejjed li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni stabbiliti għal dak it-terminu.

L-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta jista' jiġi ssupplimentat bit-terminu "premier cru" u segwit bl-isem ta' waħda mill-climats elenkati hawn taħt fil-każ ta' nbejjed li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni stabbiliti għat-terminu "premier cru".

L-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta jista' jkun segwit bl-isem ta' waħda mill-climats elenkati hawn taħt fil-każ ta' nbejjed li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni stabbiliti għat-terminu "premier cru".

Lista ta' climats:

— "Aux Argillas"

— "Aux Boudots"

— "Aux Bousselots"

— "Aux Chaignots"

— "Aux Champs Perdrix"

— "Aux Cras"

— "Aux Murgers"

— "Aux Perdrix"

— "Aux Thorey"

— "Aux Vignerondes"

— "Chaines Carteaux"

— "Château Gris"

— "Clos Arlot"

— "Clos de la Maréchale"

— "Clos des Argillières"

— "Clos des Corvées"

— "Clos des Corvées Pagets"

— "Clos des Forêts Saint-Georges"

— "Clos des Grandes Vignes"

— "Clos des Porrets-Saint-Georges"

— "Clos Saint-Marc"

— "En la Perrière Noblot"

— "La Richemone"

— "Les Argillières"

— "Les Cailles"

— “Les Chabœufs”

— “Les Crots”

— “Les Damodes”

— “Les Didiers”

— “Les Hauts Pruliers”

— “Les Perrières”

— “Les Porrets-Saint-Georges”

— “Les Poulettes”

— “Les Procès”

— “Les Pruliers”

— “Les Saints-Georges”

— “Les Terres Blanches”

— “Les Vallerots”

— “Les Vaucrains”

— “Roncière”

— “Rue de Chaux”

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta’ rekwiżit addizzjonali

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit

Iż-żona fil-prossimità immedjata, definita b’deroga għall-produzzjoni, għall-iżvilupp u għat-tqaddim tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024:

— Id-Dipartiment ta’ Côte-d’Or: Agencourt, Aloxe-Corton, Ancey, Arcenant, Argilly, Autricourt, Auxey-Duresses, Baubigny, Beaune, Belan-sur-Ource, Bévy, Bissey-la-Côte, Bligny-lès-Beaune, Boncourt-le-Bois, Bouix, Bouze-lès-Beaune, Brion-sur-Ource, Brochon, Cérilly, Chamboeuf, Chambolle-Musigny, Channay, Charrey-sur-Seine, Chassagne-Montrachet, Châtillon-sur-Seine, Chaumont-le-Bois, Chaux, Chenôve, Chevannes, Chorey-lès-Beaune, Collonges-lès-Bevy, Combertault, Comblanchien, Corcelles-les-Arts, Corcelles-les-Monts, Corgoloin, Cormot-Vauchignon, Corpeau, Couchey, Curley, Curtil-Vergy, Daix, Dijon, Ebaty, Echevronne, Epernay-sous-Gevrey, Etrochey, Fixin, Flagey-Echézeaux, Flavignerot, Fleurey-sur-Ouche, Fussey, Gerland, Gevrey-Chambertin, Gilly-lès-Citeaux, Gomméville, Grancey-sur-Ource, Griselles, La-Rochepot, Ladoix-Serrigny, Lantenay, Larrey, L’Etang-Vergy, Levernois, Magny-lès-Villers, Mâlain, Marcenay, Marey-lès-Fussey, Marsannay-la-Côte, Massingy, Mavilly-Mandelot, Meloisey, Merceuil, Messanges, Meuilley, Meursanges, Meursault, Molesme, Montagny-lès-Beaune, Monthelie, Montliot-et-Courcelles, Morey-Saint-Denis, Mosson, Nantoux, Nicey, Noiron-sur-Seine, Nolay, Obtrée, Pernand-Vergelesses, Perrigny-lès-Dijon, Plombières-lès-Dijon, Poincon-lès-Larrey, Pommard, Pothières, Prusly-sur-Ource, Puligny-Montrachet, Quincey, Reulle-Vergy, Ruffey-lès-Beaune, Saint-Aubin, Saint-Bernard, Sainte-Colombe-sur-Seine, Sainte-Marie-la-Blanche, Saint-Philibert, Saint-Romain, Santenay, Savigny-lès-Beaune, Segrois, Tailly, Talant, Thoires, Valforêt (fil-parti tat-territorju li tikkorrispondi għal dik li qabel kienet il-muniċipalità ta’ Clémencey), Vannaire, Velars-sur-Ouche, Vertault, Vignoles, Villars-Fontaine, Villebichot, Villedieu, Villers-la-Faye, Villers-Patras, Villy-le-Moutier, Vix, Volnay, Vosne-Romanée u Vougeot;

— Id-Dipartiment ta' Rhône: Alix, Anse, Arnas, Bagnols, Beaujeu, Belleville-en-Beaujolais, Belmont-d'Azergues, Blacé, Bully, Cercié, Chambost-Allières, Chamelet, Charentay, Charnay, Châtillon, Chazay-d'Azergues, Chénas, Chessy, Chiroubles, Cogny, Corcelles-en-Beaujolais, Denicé, Dracé, Emeringes, Fleurie, Frontenas, Gleizé, Juliénas, Jullié, L'Arbresle, Lacenas, Lachassagne, Lancié, Lantignié, Le Breuil, Le Perréon, Légny, Les Ardillats, Létra, Limas, Lozanne, Lucenay, Marchampt, Marcy, Moiré, Montmelas-Saint-Sorlin, Morancé, Odenas, Pommiers, Porte des Pierres Dorées, Quincié-en-Beaujolais, Régnié-Durette, Rivolet, Saint-Etienne-des-Oullières, Saint-Georges-de-Reneins, Saint-Germain-Nuelles, Saint-Vérand, Saint-Clément-sur-Valsonne, Saint-Cyr-le-Chatoux, Saint-Didier-sur-Beaujeu, Sainte-Paule, Saint-Etienne-la-Varenne, Saint-Jean-des-Vignes, Saint-Julien, Saint-Just-d'Avray, Saint-Lager, Saint-Romain-de-Popey, Salles-Arbuissonnas-en-Beaujolais, Sarcey, Taponas, Ternand, Theizé, Val-d'Oingt, Vaux-en-Beaujolais, Vauxrenard, Vernay, Ville-sur-Jarnioux, Villefranche, Villié-Morgon u Vindry-sur-Turdine (il-parti li tikkorrispondi għat-territorju ta' dawk li qabel kienu l-muniċipalitajiet ta' Dareizé, Les Olmes u Saint-Loup);

— Id-Dipartiment ta' Saône-et-Loire: Aluze, Ameugny, Azé, Barizey, Beaumont-sur-Grosne, Berzé-la-Ville, Berzé-le-Châtel, Bissey-sous-Cruchaud, Bissy-la-Mâconnaise, Bissy-sous-Uxelles, Bissy-sur-Fley, Blanot, Bonnay-Saint-Ythaire, Bouzeron, Boyer, Bray, Bresse-sur-Grosne, Burgy, Burnand, Bussières, Buxy, Cersot, Chagny, Chaintré, Châlon-sur-Saône, Chamilly, Champagny-sous-Uxelles, Champforgeuil, Chânes, Change, Chapaize, La Chapelle-de-Bragny, La Chapelle-de-Guinchay, La Chapelle-sous-Brancion, Charbonnières, Chardonnay, La Charmée, Charnay-lès-Mâcon, Charrecey, Chasselas, Chassey-le-Camp, Château, Châtenoy-le-Royal, Chaudenay, Cheilly-lès-Maranges, Chenôves, Chevagny-les-Chevrières, Chissey-lès-Mâcon, Clessé, Cluny, Cormatin, Cortambert, Cortevaix, Couches, Crèches-sur-Saône, Créot, Cruzille, Culles-les-Roches, Curtil-sous-Burnand, Davayé, Demigny, Dennevy, Dezize-lès-Maranges, Donzy-le-Pertuis, Dracy-lès-Couches, Dracy-le-Fort, Epertully, Etrigny, Farges-lès-Chalon, Farges-lès-Macon, Flagy, Fleurville, Fley, Fontaines, Fragnes-la-Loyère (il-parti li tikkorrispondi għal dik li qabel kienet il-muniċipalità ta' La Loyère), Fuissé, Genouilly, Germagny, Givry, Granges, Grévilly, Hurigny, Igé, Jalogny, Jambles, Jugy, Jully-lès-Buxy, La Vineuse-sur-Frégande (il-parti li tikkorrispondi għal dawk li qabel kienu l-muniċipalitajiet ta' Donzy-le-National, La Vineuse u Massy), Lacrost, Laives, Laizé, Lalheue, Leynes, Lournand, Lugny, Mâcon, Malay, Mancey, Martailly-lès-Brancion, Massilly, Mellecey, Mercurey, Messey-sur-Grosne, Milly-Lamartine, Montagny-lès-Buxy, Montbellet, Montceaux-Ragny, Moroges, Nanton, Ozenay, Paris-l'Hôpital, Péronne, Pierreclos, Plottes, Préty, Prissé, Pruzilly, Remigny, La Roche-Vineuse, Romanèche-Thorins, Rosey, Royer, Rully, Saint-Jean-de-Trézy, Saint-Albain, Saint-Ambreuil, Saint-Amour-Bellevue, Saint-Boil, Saint-Clément-sur-Guye, Saint-Denis-de-Vaux, Saint-Désert, Saint-Gengoux-de-Scissé, Saint-Gengoux-le-National, Saint-Germain-lès-Buxy, Saint-Gervais-sur-Couches, Saint-Gilles, Saint-Jean-de-Vaux, Saint-Léger-sur-Dheune, Saint-Mard-de-Vaux, Saint-Martin-Belle-Roche, Saint-Martin-du-Tartre, Saint-Martin-sous-Montaigu, Saint-Maurice-de-Satonnay, Saint-Maurice-des-Champs, Saint-Rémy, Saint-Sernin-du-Plain, Saint-Vallerin, Saint-Vérand, Saisy, La Salle, Salornay-sur-Guye, Sampigny-lès-Maranges, Sancé, Santilly, Sassangy, Saules, Savigny-sur-Grosne, Sennecey-le-Grand, Senozan, Sercy, Serrières, Sigy-le-Châtel, Sologny, Solutré-Pouilly, Saint-Maurice-lès-Couches, Saint-Pierre-de-Varennes, Saint-Symphorien-d'Ancelles, Taizé, Tournus, Uchizy, Varennes-lès-Mâcon, Vaux-en-Pré, Vergisson, Vers, Verzé, Le Villars, Vinzelles u Viré;

— Id-Dipartiment ta' Yonne: Aigremont, Annay-sur-Serein, Arcy-sur-Cure, Asquins, Augy, Auxerre, Avallon, Bazarnes, Beine, Bernouil, Béru, Bessy-sur-Cure, Bleigny-le-Carreau, Censy, Chablis, Champlay, Champs-sur-Yonne, Chamvres, Charentenay, Châtel-Gérard, Chemilly-sur-Serein, Cheney, Chevannes, Chichée, Chitry, Collan, Coulangeron, Coulanges-la-Vineuse, Courgis, Cruzy-le-Châtel, Dannemoine, Deux-Rivières, Dyé, Epineuil, Escamps, Escolives-Sainte-Camille, Fleys, Fontenay-près-Chablis, Gy-l'Evêque, Héry, Irancy, Island, Joigny, Jouancy, Junay, Jussy, La-Chapelle-Vaupelteigne, Lichères-près-Aigremont, Lignorelles, Ligny-le-Châtel, Lucy-sur-Cure, Maligny, Mélisey, Merry-Sec, Migé, Molay, Molosmes, Montholon (il-parti li tikkorrispondi għal dawk li qabel kienu l-muniċipalitajiet ta' Champvallon, Villiers-sur-Tholon u Volgré), Montigny-la-Resle, Mouffy, Moulins-en-Tonnerrois, Nitry, Noyers, Ouanne, Paroy-sur-Tholon, Pasilly, Pierre-Perthuis, Poilly-sur-Serein, Pontigny, Préhy, Quenne, Roffey, Rouvray, Saint-Père, Sainte-Pallaye, Sarry, Senan, Serrigny, Saint-Bris-le-Vineux, Saint-Cyr-les-Colons, Sainte-Vertu, Tharoiseau, Tissey, Tonnerre, Tronchoy, Val-de-Mercy, Vallan, Venouse, Venoy, Vermenton, Vézannes, Vézelay, Vézinnes, Villeneuve-Saint-Salves, Villy, Vincelles, Vincelottes, Viviers u Yrouerre.

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit

(a) L-isem ta' climat li jista' jiġi assoċjat mat-terminu "premier cru" jitpoġġa immedjatament wara l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta u jiġi stampat b'ittri li ma jkunux ikbar, la fl-għoli u lanqas fil-wisa', mill-ittri li jiffurmaw l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta.

(b) L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta jistgħu jispeċifikaw fuq it-tikketti tagħhom l-isem ta' unità ġeografika iżgħar, dment li:

— ikun l-isem ta' "lieu-dit" fir-reġistru tal-artijiet;

— ikun jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-ħsad.

L-isem tal-"lieu-dit" kif imniżżel fir-reġistru tal-artijiet irid ikun stampat b'ittri li ma jkunux ikbar, la fl-għoli u lanqas fil-wisa', minn nofs id-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta.

(c) L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta jistgħu jispeċifikaw fuq it-tikketti tagħhom l-unità ġeografika usa' "Vin de Bourgogne" jew "Grand Vin de Bourgogne".

(d) Meta tkun speċifikata fuq it-tikkettar, il-varjetà ta' għeneb ma tistax tidher fl-istess kamp viżiv bħall-elementi obbligatorji jew tkun stampata b'ittri li jkunu ikbar minn 2 mm.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-b1623bde-4ee9-46cb-806e-556ec29a84a4